KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-12 ta' Diċembru 2018 [1]

Kawża C-476/17

Pelham GmbH,
Moses Pelham,
Martin Haas
vs
Ralf Hütter,
Florian Schneider-Esleben

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Dritt ta' riproduzzjoni – Riproduzzjoni ta' partijiet minimi ta' fonogramma (*sampling*) – Użu liberu ta' xogħol – Teħid inkunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

Introduzzjoni

1. Is-*sampling* (teħid ta' kampjuni) hija teknika li tikkonsisti fit-teħid, permezz ta' tagħmir elettroniku, ta' estratti (*samples* jew kampjuni, u għalhekk jisimha hekk it-teknika) ta' fonogramma sabiex jintużaw bħala elementi ta' kompożizzjoni ġdida ta' fonogramma oħra. Waqt l-użu mill-ġdid tagħhom, dawn l-estratti huma ta' spiss imħallta, modifikati u rrepetuti kontinwament, b'mod li jkunu ftit jew wisq rikonoxxibbli fix-xogħol il-ġdid. Għandu jiġi nnotat ukoll li dawn jistgħu jkunu estratti ta' tul differenti, ta' dewmien li jista' jkun ta' inqas minn sekonda u diversi għexur ta' sekondi. Għaldaqstant, is-*sampling* huwa fenomenu b'ħafna aspetti, fatt li ovvjament ma jiffaċilitax il-klassifikazzjoni ġuridika tiegħu [2].

2. Għalkemm l-użu mill-ġdid, mill-kompożituri, ta' xogħlijiet preċedenti jkun x'aktarx antik daqs il-mużika nnifisha, is-*sampling* huwa fenomenu ġdid, li sar possibbli permezz tal-proċessi moderni ta' reġistrazzjoni u ta' modifika tal-ħsejjes, li qabel kienu analogi, u attwalment, diġitali. Fil-fatt, kuntrarjament għat-teħid ta' parti minn xogħol mużikali ieħor fil-kompożizzjoni ta' xogħol ġdid, l-idea tas-*sampling* hija li jittieħdu direttament il-ħsejjes ta' fonogramma, jiġifieri ta' xogħol eżegwit u rreġistrat, sabiex jiġu inkorporati fil-fonogramma li fiha x-xogħol il-ġdid. B'hekk, is-*sampling* huwa fenomenu speċifiku għar-realtà tal-mużika rreġistrata taħt forma ta' fonogrammi. Fi kliem ieħor, il-fatt li jiġu kkupjati partijiet min-notazzjoni ta' xogħol mużikali sabiex jiddaħħlu fin-notazzjoni ta' xogħol ġdid u li sussegwentement tiġi eżegwita din in-notazzjoni, ma huwiex *sampling*.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Ara, b'mod partikolari, P. Piesiewicz, "Dzieło muzyczne i nowe technologie (aspekty prawne "samplingu")", *Państwo i prawo*, Nru 3/2006.

3. Għalkemm is-*sampling* jista' jintuża f'kull ġeneru mużikali, huwa partikolarment importanti għall-mużika hip-hop u rap, li bdiet fis-snin 70 fil-kwartieri popolari ta' New York (l-Istati Uniti)[3]. Din il-mużika ssib l-għeruq tagħha fil-prattika tad-*disc jockeys* (il-"preżentaturi tad-diski") li jgħaqqdu, jimmodifikaw u jħalltu ħsejjes meħuda minn titoli mużikali rreġistrati fuq rekords tal-vinil. Minn din il-prattika rriżultaw xi kompożizzjonijiet speċifiċi dderivati. B'hekk, is-*sampling* jikkostitwixxi l-bażi ta' dawn il-ġeneri ta' mużika. Ċerti xogħlijiet jistgħu wkoll jikkonsistu f'taħlita ta' *samples* biss.

4. Minkejja l-importanza tiegħu f'din il-kreazzjoni mużikali ġdida, is-*sampling* jikkostitwixxi kwistjoni legali reali, partikolarment mill-mument li fih il-hip-hop telaq mit-toroq tal-Bronx sabiex jidħol fil-*mainstream* u jsir sors ta' dħul sinifikanti għall-awturi, għall-kantanti u għall-produtturi tiegħu. Id-diffikultà fl-evalwazzjoni ġuridika ta' dan il-fenomenu tirriżulta mill-fatt li din ma hijiex relazzjoni ta' xogħol lejn xogħol, li hija klassika fid-drittijiet tal-awtur, iżda ta' fonogramma, li hija prodott kummerċjali, lejn xogħol, kreazzjoni artistika. Billi jirrikorri għas-*sampling*, l-artist mhux biss jispira ruħu mill-kreazzjoni ta' ħaddieħor, iżda jieħu fil-pussess tiegħu ukoll il-frott tal-isforz u tal-investiment editorjali li tirrappreżenta l-fonogramma. Din il-konfigurazzjoni, kompletament ġdida għad-drittijiet tal-awtur[4], iddaħħal indiskussjoni xi fatturi bħad-drittijiet relatati tal-produtturi tal-fonogrammi, minn naħa, u l-libertà kreattiva "ta' min juża l-kampjun", min-naħa l-oħra.

5. Id-domanda għal deċiżjoni preliminari preżenti, li ddaħħal inkwistjoni l-problematika tas-*sampling* fil-kamp tad-dritt tal-Unjoni, hija r-riżultat ta' storja ġuridika nazzjonali twila[5], li diġà ddeċidew dwarha żewġ qrati għolja Ġermaniżi. Issa, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li qed tintalab tesprimi ruħha f'dan id-dibattitu li jopponi l-libertà artistika "tat-tip postmoderniżmu" u d-dritt tal-proprjetà ferm stabbilit.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

6. L-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni[6] jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

[…]

ċ) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

[…]".

3 Għall-istorja tal-hip hop u tar-rap, ara T. M. Evans, "Sampling, Looping, and Mashing… Oh My!: How Hip Hop Music is Scratching More Than the Surface of Copyright Law", *Fordham Intellectual Property, Media and Entertainment Law Journal*, 2011, Vol. 21, Nru 4, p. 843.

4 Minkejja li waħda mill-ewwel kawżi li kkonċernaw is-*sampling*, Grand Upright Music, Ltd vs. Warner Bros. Records Inc., deċiża mill-United States District Court for the Southern District of New York (Qorti Federali tal-Istati Uniti għad-distrett tan-Nofsinhar ta' New York, l-Istati Uniti), tmur lura għall-1991.

5 Ir-rikors promotur fl-ewwel istanza fil-proċedura prinċipali ġie ppreżentat fit-8 ta' Marzu 1999.

6 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17,Vol. 1, p. 230.

7. Abbażi tal-Artikolu 5(3)(d), (k) u (o) u (5) ta' din id-direttiva:

"3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 fil-każi li ġejjin:

[…]

d) kwotazzjonijiet għal skopijiet bħal kritika jew riċensjoni, kemm-il darba jkunu relatati ma' xogħol jew suġġett ieħor li kien diġà sar disponibbli legalment għall-pubbliku, li, sakemm ma jkunx sar impossibbli, is-sors, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat, u li l-użu tagħhom huwa skond prattika ġusta, u sa fejn meħtieġ, mill-iskop speċifiku;

[…]

k) użu għal skop ta' karikatura, parodija jew pastiċċ;

[…]

o) użu f'ċerti każi oħra ta' importanza minuri fejn eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet diġà jeżistu skond il-liġi nazzjonali, kemm-il darba li huma jirrigwardaw biss użu simili u ma jaffettwawx iċ-ċirkulazzjoni libera ta' merkanzija u servizzi ġewwa l-Komunità, mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet oħra misjuba f'dan l-Artikolu.

[…]

5. L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet."

8. L-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali[7] jiddisponi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dritt esklussiv li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku l-oġġetti indikati fil-punti (a) sa (d), inklużi kopji tagħhom, bil-bejgħ jew b'xi mod ieħor, minn hawn 'il quddiem 'id-dritt ta' distribuzzjoni':

[…]

b) għall-produtturi tal-fonogrammi, rigward il-fonogrammi tagħhom;

[…]".

9. Abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva:

"2. Irrispettivament mill-paragrafu 1, kull Stat Membru jista' jagħmel dispożizzjoniet għall-istess tipi ta' limitazzjonijiet rigward il-protezzjoni ta' artisti, produtturi ta' fonogrammi, organizzazzjonijiet tax-xandir u ta' produtturi ta' l-ewwel iffissar ta' films, hekk bħad-dispożizzjonijet previsti fil-liġi tiegħu rigward il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur f'xogħlijiet letterarji u artistiċi."

7 ĠU 2006, L 376, p. 28.

Id-dritt Ġermaniż

10. Id-Direttivi 2001/29 u 2006/115 ġew trasposti fid-dritt Ġermaniż bil-Gesetz über Urheberrecht und verwandte Schutzrechte – Urheberrechtsgesetz (il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur u d-Drittijiet Relatati), tad-9 ta' Settembru 1965 (iktar 'il quddiem, l-"UrhG"). Id-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi huma protetti abbażi tal-Artikolu 85(1) ta' din il-liġi.

11. L-Artikolu 24 tal-UrhG fih eċċezzjoni ġenerali mid-drittijiet tal-awtur li jipprovdi s-segwenti:

"1. Xogħol indipendenti li nħoloq billi ntuża b'mod liberu x-xogħol ta' ħaddieħor jista' jiġi ppubblikat u użat mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtur tax-xogħol li ntuża.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-użu ta' xogħol mużikali li permezz tiegħu melodija tittieħed b'mod rikonoxxibbli minn xogħol sabiex isservi bħala bażi għal xogħol ġdid."

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

12. Ralf Hütter u Florian Schneider-Esleben, rikorrenti fl-ewwel istanza u konvenuti għal *Reviżjoni* fil-proċedura fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem, il-"konvenuti"), huma membri tal-grupp mużikali Kraftwerk. Fl-1977, dan ippubblika fonogramma li fiha x-xogħol intitolat *Metall auf Metall*. Il-konvenuti huma produtturi tal-fonogramma msemmija, iżda wkoll l-artisti li interpretaw ix-xogħol inkwistjoni u R Hütter huwa wkoll l-awtur tiegħu (kompożitur).

13. Pelham GmbH, kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż, konvenuta fl-ewwel istanza u rikorrenti għal *Reviżjoni* fil-kawża prinċipali, hija produttur ta' fonogramma li fiha x-xogħol bit-titolu *Nur mir*, interpretat, b'mod partikolari, mill-kantanta Sabrina Setlur. Moses Pelham u Martin Haas, ukoll konvenuti fl-ewwel istanza u rikorrenti għal *Reviżjoni* fil-kawża prinċipali, huma l-awturi tax-xogħol imsemmi.

14. Il-konvenuti jsostnu li Pelham kif ukoll M. Pelham u M. Haas (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"rikorrenti") ikkupjaw, bl-użu tat-teknika tas-sampling, madwar żewġ sekondi ta' sekwenza ritmika tat-titolu *Metall auf Metall* u integrawhom, permezz ta' repetizzjonijiet suċċessivi, taħt it-titolu *Nur mir*. Huma jqisu li b'hekk, ir-rikorrenti kisru d-dritt relatat li huma għandhom bħala produtturi tal-fonogramma inkwistjoni. Sussidjarjament, il-konvenuti jinvokaw id-dritt tal-proprjetà intellettwali li huma proprjetarji tiegħu bħala artisti interpreti kif ukoll il-ksur tad-drittijiet tal-awtur ta' R. Hütter fir-rigward tax-xogħol mużikali. B'mod iktar sussidjarju, il-konvenuti jinvokaw ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni. Madankollu, il-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju tikkonċerna biss id-drittijiet tal-konvenuti bħala produtturi tal-fonogramma.

15. Il-konvenuti talbu l-waqfien tal-ksur, l-għoti ta' kumpens, it-trażmissjoni ta' informazzjoni u l-kunsinna tal-fonogrammi bl-iskop tal-qerda tagħhom. Il-qorti fl-ewwel istanza laqgħet ir-rikors u l-appell ippreżentat mir-rikorrenti ġie miċħud. Wara appell għar-Reviżjoni tar-rikorrenti, is-sentenza mogħtija mill-qorti tal-appell tħassret mill-qorti tar-rinviju, bis-sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, u l-kawża ġiet irrinvijata quddiem il-qorti tal-appell għal eżami mill-ġdid. Għal darb'oħra, il-qorti tal-appell ċaħdet l-appell ippreżentat mir-rikorrenti. Wara appell għar-Reviżjoni ġdid mir-rikorrenti, il-qorti tar-rinviju, din id-darba, ċaħdet dan l-appell permezz ta' sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012. Din is-sentenza ġiet annullata mill-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja) [8], li rrinvijat il-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju.

8 Sentenza tal-31 ta' Mejju 2016, 1 BvR 1585/13.

16. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ikun hemm ksur tad-dritt esklużiv tal-produttur ta' fonogrammi skont l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva [2001/29] li jirriproduċi l-fonogramma tiegħu jekk jiġu estratti frazzjonijiet żgħar ta' ħoss mill-fonogramma tiegħu sabiex jiġu ttrasferiti lejn fonogramma oħra?

2) Fonogramma li tinkludi frazzjonijiet żgħar ta' ħoss ittrasferiti minn fonogramma oħra hija kopja ta' fonogramma oħra fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva [2006/115]?

3) L-Istati Membri jistgħu jipprevedu dispożizzjoni li, bħall-Artikolu 24(1) tal-[UrhG], tillimita l-portata tal-protezzjoni tad-dritt esklużiv tal-prodottur tal-fonogramma għar-riproduzzjoni [Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29] u għad-distribuzzjoni [Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115] tal-fonogramma tiegħu b'mod li xogħol distint maħluq bl-użu liberu tal-fonogramma tiegħu jista' jintuża mingħajr il-kunsens tiegħu?

4) Xogħol jew suġġett ieħor protett, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva [2001/29], jintuża għall-finijiet ta' kwotazzjoni jekk ma jkun hemm xejn li jindika li qiegħed jintuża xogħol jew suġġett ieħor protett ta' persuna oħra?

5) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar id-dritt ta' riproduzzjoni u ta' distribuzzjoni ta' produttur ta' fonogramma [Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29/KE u Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115/KE] u l-eċċezzjonijiet jew il-limitazzjonijiet ta' dawn id-drittijiet [Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29/KE u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2006/115/KE] jipprovdu marġni ta' diskrezzjoni għat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali?

6) B'liema mod id-drittijiet fundamentali previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tiġi ddeterminata l-portata tal-protezzjoni tad-dritt esklużiv tal-produttur ta' fonogrammi għar-riproduzzjoni [Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29/KE] u għad-distribuzzjoni [Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115/KE] tal-fonogramma tiegħu u l-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet ta' dawn id-drittijiet [Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29/KE u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2006/115/KE]?"

17. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Awwissu 2017. L-osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Ġermaniż, mill-Gvern Franċiż u mill-Gvern tar-Renju Unit, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet interessati ġew irrappreżentati fis-seduta li nżammet fit-3 ta' Lulju 2018.

Analiżi

18. Fil-kawża preżenti, il-Bundesgerichtshof (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja b'sensiela ta' domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, kif ukoll fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, fil-preżenza ta' ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali. Ser nanalizza dawn id-domandi fl-ordni li ġew ippreżentati fih.

Fuq l-ewwel domanda preliminari

19. Permezz tal-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li t-tneħħija ta' estratt ta' fonogramma sabiex jintuża f'fonogramma oħra (*sampling*) jippreġudikax id-dritt esklussiv tal-produttur tal-ewwel fonogramma li jawtorizza jew li jipprojbixxi r-riproduzzjoni tal-fonogramma tiegħu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta sseħħ mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dan tal-aħħar.

20. Il-partijiet interessati li ppreżentaw xi osservazzjonijiet fil-kawża preżenti jesprimu opinjonijiet differenti fuq dan is-suġġett. Għalkemm il-konvenuti, kif ukoll il-Gvern Franċiż, jipproponu li din id-domanda għandha tingħata risposta affermattiva, madankollu, ir-rikorrenti, il-Gvernijiet l-oħra, kif ukoll il-Kummissjoni jipproponu li għandha tingħata risposta negattiva. Qabel ma nanalizza l-argumenti mressqa kollha, jidhirli li jkun utli li tiġi eżaminata domanda preliminari.

Kummenti preliminari – Kamp ta' applikazzjoni ratione temporis tad-Direttiva 2001/29

21. Il-qorti tar-rinviju tosserva li fl-Artikolu 10 tagħha, id-Direttiva 2001/29 tillimita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħha għall-atti li twettqu wara t-22 ta' Diċembru 2002, filwaqt li l-fonogramma kontenzjuża fil-kawża prinċipali, li fiha x-xogħol intitolat *Nur mir*, dehret fl-1997.

22. Madankollu, għandu jiġi nnotat li, skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/29, din tapplika għax-xogħol u l-materjal l-ieħor kollu li kien protett mid-dritt tal-Istati Membri fid-data tat-22 ta' Diċembru 2002, li huwa l-każ tal-fonogramma proprjetà tal-konvenuti.

23. Huwa minnu li, skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/29, din tapplika mingħajr preġudizzju għall-atti konklużi u d-drittijiet akkwistati qabel din id-data. Huwa minnu wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, li l-atti ta' użu tax-xogħlijiet u ta' materjal ieħor protett imwettqa qabel dik id-data ma għandhomx ikunu affettwati minn din id-direttiva [9]. Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, il-fonogramma inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet is-suġġett ta' atti ta' użu wkoll wara t-22 ta' Diċembru 2002. Għaldaqstant, id-Direttiva 2001/29 hija applikabbli għal dawn l-atti.

24. Wara li ċċarajt dan il-punt, ser nibda issa l-analiżi fuq il-mertu tal-ewwel domanda preliminari.

Analiżi fil-mertu

25. Huwa stabbilit bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali li r-rikorrenti rriproduċew estratt ta' madwar żewġ sekondi fis-sekwenza ritmika tal-fonogramma tax-xogħol *Metall auf Metall* u integrawh, b'mod ripetut, flimkien ma' xi modifiki minimi u b'mod li jintgħaraf, bħala sekwenza ritmika fil-fonogramma tax-xogħol *Nur mir* [10].

26. Fil-fehma tiegħi, huwa ovvju li tali att jikkostitwixxi riproduzzjoni fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, peress li din id-dispożizzjoni tikkonċerna, biex infakkar, kull riproduzzjoni "diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti" tal-materjal protett. Fil-każ ta' *sampling*, din hija riproduzzjoni (ħafna drabi) diretta, permanenti, permezz ta' mezzi u taħt forma diġitali ta' parti minn fonogramma. Għaldaqstant jidher biżżejjed ċar li dan l-att jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-produtturi tal-fonogramma inkwistjoni sabiex jawtorizzaw jew jipprojbixxu tali riproduzzjoni mwettqa mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom.

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, VG Wort *et* (C-457/11 sa C-460/11, EU:C:2013:426, punt 1 tad-dispożittiv).

10 Għandu jiġi nnotat li jeżistu diversi verżjonijiet ta' dan it-titolu tal-aħħar. Qed nirriferi hawnhekk għall-verżjoni bażika, intitolata sempliċiment *Nur mir*.

27. Madankollu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ċerti Gvernijiet li ppreżentaw xi osservazzjonijiet kif ukoll il-Kummissjoni jqajmu kollha sensiela ta' argumenti sabiex juru li l-imsemmi dritt tal-produtturi għandu jkun limitat b'tali mod li l-atti ta' riproduzzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaqgħux taħt dan id-dritt esklussiv.

– Il-limiti de minimis

28. Dawn il-partijiet interessati jistabbilixxu, l-ewwel nett, analoġija mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-protezzjoni tal-estratti tax-xogħol permezz tad-drittijiet tal-awtur. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni permezz tad-drittijiet tal-awtur tikkonċerna x-xogħlijiet bħala espressjoni tal-kreattività intellettwali tal-awturi tagħhom. B'hekk, l-estratti ta' xogħol jistgħu jkunu protetti permezz tad-drittijiet tal-awtur bil-kundizzjoni li jkun fihom uħud mill-elementi li huma l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali proprja tal-awtur ta' dan ix-xogħol [11]. Id-dritt tal-produtturi tal-fonogrammi jipproteġi mhux il-kreazzjoni intellettwali, iżda l-investiment finanzjarju, filwaqt li fil-kawża preżenti ċerti partijiet interessati jsostnu li dan id-dritt jista' jipproteġi biss l-estratti tal-fonogrammi ta' tul suffiċjentement twil sabiex jirrappreżenta tali investiment. Konsegwentement, it-tneħħija ta' estratti qosra ħafna fil-każ tas-sampling ma theddidx l-interessi finanzjarji tal-produtturi tal-fonogrammi u għaldaqstant ma taqax taħt id-dritt esklussiv tagħhom. B'hekk, skont uħud minnhom, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi għandha tkun suġġetta għal limitu *de minimis*, bħalma hija l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

29. Jidhirli li dan ir-raġunament huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija iktar 'il fuq. Fir-rigward tas-sentenza Infopaq International, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li x-xogħlijiet letterarji inkwistjoni f'din il-kawża, kienu komposti minn kliem li, meqjus waħdu, ma jaqax taħt il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur. Huwa biss it-tqassim oriġinali li kien protett bħala kreazzjoni intellettwali tal-awtur tax-xogħol [12]. Din il-konstatazzjoni hija evidenti: l-awtur ta' xogħol letterarju ma jistax jieħu l-pussess ta' kliem jew espressjonijiet kurrenti, bħalma kull kompożitur ma jistax jippretendi dritt esklussiv fuq in-noti jew pittur xi dritt fuq il-kuluri. Madankollu, dan bl-ebda mod ma jikkostitwixxi l-espressjoni tar-rikonoxximent ta' limitu *de minimis* fil-protezzjoni tax-xogħlijiet mid-drittijiet tal-awtur, iżda jikkorrispondi sempliċiment għar-riżultat tad-definizzjoni tax-xogħol, fis-sens tad-drittijiet tal-awtur, bħall-kreazzjoni intellettwali tal-awtur tiegħu. Għalkemm, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-riproduzzjoni ta' estratt limitat għal ħdax il-kelma biss ta' artiklu tal-istampa tista' potenzjalment taqa' taħt id-dritt esklussiv stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29 [13], huwa għaldaqstant diffiċli li jiġi rrikonoxxut kwalunkwe limitu *de minimis*.

30. Ir-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja li jikkonċerna l-estratti ta' xogħol ma jistax madankollu jiġi applikat f'dak li jikkonċerna l-fonogrammi. Fil-fatt, fonogramma ma hijiex kreazzjoni intellettwali li tikkonsisti f'kompożizzjoni ta' elementi bħall-kliem, il-ħsejjes, il-kuluri, eċċ. Il-fonogramma hija ffissar ta' ħsejjes li hija protetta mhux minħabba t-tqassim ta' dawn il-ħsejjes, iżda minħabba dan l-iffissar. Bħala konsegwenza, jekk, fil-każ ta' xogħol, ikun possibbli li ssir distinzjoni bejn l-elementi li ma jistgħux jiġu protetti, bħalma huma l-kliem, il-ħsejjes, il-kuluri, eċċ., u l-oġġett li jista' jiġi protett taħt il-forma tat-tqassim oriġinali ta' dawn l-elementi, tali distinzjoni ma tkunx madankollu possibbli fil-każ ta' fonogramma. Il-fonogramma ma hijiex komposta minn partiċelli żgħar li ma jistgħux jiġu protetti: hija protetta bħala oġġett sħiħ indiviżibbli. Barra minn hekk, fil-każ ta' fonogramma, ma teżisti l-ebda ħtieġa ta' oriġinalità, peress li l-fonogramma, bil-kontra tax-xogħol, hija protetta mhux minħabba n-natura kreattiva tagħha, iżda minħabba l-investiment finanzjarju u organizzattiv fiha. Fi kliem ieħor, ħoss jew kelma ma jistgħux jiġu monopolizzati minn awtur minħabba l-inklużjoni tagħhom f'xogħol. Min-naħa l-oħra, mill-mument li fih dawn jiġu rreġistrati, l-istess ħoss

11 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punt 39 u punt 1 tad-dispożittiv).

12 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punti 44 sa 46).

13 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punt 1 tad-dispożittiv).

eżegwit minn mużiċista, jew l-istess kelma moqrija b'vuċi għolja jikkostitwixxu fonogramma li taqa' taħt il-protezzjoni tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur. Ir-riproduzzjoni ta' tali reġistrazzjoni taqa' għaldaqstant taħt id-dritt esklussiv tal-produttur ta' din il-fonogramma. Madankollu, kulħadd huwa liberu li jipproduċi huwa stess l-istess ħoss.

31. Huwa minnu li idea simili għal-limitu *de minimis* ġiet żviluppata fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Istati Uniti tal-Amerika fir-rigward tas-*sampling*[14]. Madankollu, dan huwa ambjent ġuridiku radikalment differenti minn dak tad-dritt tal-Ewropa kontinentali u tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, fid-dritt Amerikan, il-fonogrammi huma protetti permezz tal-copyright bl-istess mod bħax-xogħlijiet u l-oġġetti l-oħra. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jippreżentaw grad minimu ta' oriġinalità. L-eżistenza ta' limitu *de minimis* hija ġeneralment irrikonoxxuta għal dawn l-oġġetti kollha protetti mis-seklu XIX u dan il-limitu jikkostitwixxi wieħed mill-kriterji ta' evalwazzjoni għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni ġenerali ta' *fair use*[15]. Għaldaqstant, ir-raġunament adottat mill-qrati Amerikani ma huwiex, fl-opinjoni tiegħi, trasponibbli fid-dritt tal-Unjoni.

32. Barra minn hekk, limitu *de minimis* jidhirli li jippreżenta diffikultajiet prattiċi serji ta' applikazzjoni. Qabel kollox, għandu jiġi stabbilit limitu. Għandu jkun kwantitattiv biss (tul tal-estratt riprodott) jew ukoll kwalitattiv (importanza tal-estratt għax-xogħol inkwistjoni)? Barra minn hekk, dan il-limitu għandu jitkejjel fil-konfront tal-fonogramma tas-sors, tax-xogħol ippjanat jew tat-tnejn? Sabiex jittieħed l-eżempju tal-fonogrammi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-estratt meħud mir-rikorrenti għandu dewmien ta' madwar żewġ sekondi. Għaldaqstant, jidher *a priori* li jista' jaqa' taħt limitu *de minimis*, hekk kif jallegaw ċerti partijiet interessati fil-kawża preżenti. Madankollu, għandu jiġi osservat li l-fonogrammi inkwistjoni fihom xi xogħlijiet li huma parti minn żewġ tipi ta' mużika – il-mużika elettronika għal *Metall auf Metall* u r-rap għal *Nur mir* – li fihom ir-ritmu għandu rwol primarju għall-kompożizzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet. Issa, billi kkopjaw sekwenza ritmika mit-titolu *Metall auf Metall* u billi introduċewha, b'mod ripetut kontinwament, fit-titolu *Nur mir*, ir-rikorrenti, *de facto*, ikkopjaw mill-ġdid parti sostanzjali tal-ewwel fonogramma sabiex jużawha għat-totalità tas-sezzjoni ritmika tax-xogħol tagħhom[16]. Skont approċċ kwalitattiv, dan jaqbeż mingħajr dubju kwalunkwe limitu *de minimis*. Sabiex wieħed ikun konvint, ikun biżżejjed li titħassar miż-żewġ fonogrammi s-sekwenza ritmika inkwistjoni u tinstema' l-parti li tibqa'. Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' limitu *de minimis* twassal b'mod inevitabbli għal xi differenzi bejn il-ġurisprudenza nazzjonali u tippreġudika l-għan prinċipali tad-Direttiva 2001/29, li huwa l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur tal-Istati Membri.

33. Finalment, fl-opinjoni tiegħi jkun żball jekk l-interessi finanzjarji leġittimi tal-produtturi tal-fonogrammi jiġu limitati għall-protezzjoni kontra l-piraterija, jiġifieri kontra t-tqassim jew il-komunikazzjoni fil-pubbliku tal-fonogrammi tagħhom bħala tali. Fil-fatt, dawn il-produtturi jistgħu jisfruttaw il-fonogrammi b'metodi differenti mill-bejgħ ta' kopji, b'mod partikolari billi jawtorizzaw is-*sampling*, u jirċievu qligħ minnhom. Għaldaqstant, il-fatt li d-dritt ta' dawn il-produtturi fuq il-fonogrammi tagħhom għandu l-għan li jipproteġi l-investimenti finanzjarji tagħhom ma jipprekludix li dan id-dritt ikopri wkoll l-użu bħalma huwa s-*sampling*. Barra minn hekk, għalkemm il-leġiżlatur għażel li jagħti lill-produtturi, bħala strument għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tagħhom, id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kwalunkwe riproduzzjoni tal-fonogrammi tagħhom, inkluż l-użu parzjali, ma jidhirlix li jkun loġiku li tiddaħħal inkwistjoni din l-għażla bil-pretest li tali dritt ma jissodisfax l-għan imfittex.

14 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-United States Court of Appeals, 9th Circuit (Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti għad-9 circuit, l-Istati Uniti), tat-2 ta' Ġunju 2016, VMG Salsoul, LLC vs Ciccone.

15 Ara l-Artikolu 107 tal-Copyright Law of the United States (liġi fuq id-drittijiet tal-awtur tal-Istati Uniti).

16 L-istess konstatazzjoni seħħet, skont l-informazzjoni fit-talba għal deċiżjoni preliminari, mill-qorti tal-appell fil-kawża prinċipali, li tgħid li l-estratt kontenzjuż jikkostitwixxi "il-parti dominanti" tat-titolu *Metall auf Metall* u jidher fit-titolu *Nur mir* b'mod kontinwu.

– *Il-livell ta' protezzjoni ugwali għal dak tax-xogħlijiet*

34. It-tieni nett, ċerti partijiet interessati li ppreżentaw xi osservazzjonijiet fil-kawża preżenti sostnew, mill-ġdid billi rreferew għas-sentenza Infopaq International[17], li l-produtturi tal-fonogrammi ma jistgħux jibbenefikaw minn protezzjoni wiesgħa iktar minn dik mogħtija lill-awturi. Madankollu, minix konvint minn dan l-argument, għal żewġ raġunijiet.

35. Minn naħa, bħall-argument dwar il-limitu *de minimis*, dan l-argument huwa fl-opinjoni tiegħi bbażat fuq fehma żbaljata tal-portata tas-sentenza msemmija iktar 'il fuq. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-kunċett ta' "xogħol" fis-sens tad-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni, billi kkunsidrat li dan kien jikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali proprjetà tal-awtur tagħha. L-istess kriterju tal-protezzjoni għandu jiġi applikat għall-estratti ta' xogħol, billi jeskludi mill-protezzjoni l-elementi tiegħu li għandhom, b'mod ovvju, jibqgħu fil-qasam pubbliku, bħalma huma l-kliem meħuda waħedhom jew l-espressjonijiet kurrenti. Għaldaqstant, dan ma huwiex każ ta' limitazzjoni tal-protezzjoni iżda ta' definizzjoni tal-għan tagħha. F'dak li jikkonċerna lill-fonogrammi, il-fatt li l-għan tal-protezzjoni huwa differenti ma jfissirx li l-protezzjoni tmur lil hinn minn dik prevista għax-xogħlijiet. Kemm ix-xogħlijiet kif ukoll il-fonogrammi huma protetti fit-totalità tagħhom.

36. Min-naħa l-oħra, id-dritt għall-protezzjoni tal-fonogramma huwa dritt li jeżisti u li jiġi eżerċitat għalkollox indipendentement mill-protezzjoni tax-xogħol eventwalment preżenti f'din il-fonogramma. Fil-fatt, għalkemm il-maġġoranza tal-fonogrammi fihom iffissar tal-eżekuzzjonijiet ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur, jeżistu madankollu sitwazzjonijiet oħra. Il-fonogramma tista' pereżempju jkun fiha l-iffissar tal-eżekuzzjoni ta' xogħol li l-protezzjoni tiegħu skadiet jew ukoll xi ħsejjes li bl-ebda mod ma huma xogħol, bħalma huma l-ħsejjes tan-natura. Tali fonogramma tikkostitwixxi l-għan tal-protezzjoni sħiħa. Dan huwa barra minn hekk ikkonfermat mid-definizzjoni tal-fonogramma li hemm fit-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi[18], fejn l-Artikolu 2(b) tagħha jipprovdi li fonogramma hija "l-iffissar ta' ħsejjes ta' prestazzjoni jew ta' ħsejjes oħra, jew ta' rappreżentazzjoni ta' ħsejjes". Minkejja li d-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi huma drittijiet relatati tad-drittijiet tal-awtur, madankollu dawn ma humiex drittijiet derivati minnhom. Għaldaqstant, il-kamp tal-protezzjoni ta' fonogramma ma huwa bl-ebda mod ikkundizzjonat mill-kamp tal-protezzjoni tax-xogħol li jista' eventwalment ikun fih.

– *L-analoġija mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-produtturi tad-databases*

37. It-tielet nett, xi partijiet interessati jwettqu analoġija bejn il-protezzjoni tal-fonogrammi u dik tad-databases. Fil-fatt, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/9/KE tal-11 ta' Marzu 1996, dwar il-protezzjoni legali ta' databases[19], jipprevedi għall-produttur ta' database, id-dritt *sui generis* sabiex jipprojbixxi "l-estrazzjoni u/jew użu mill-ġdid ta' database, kollha jew parti sewwa minnha" ta' din id-database. Issa, skont dawn il-partijiet interessati, is-sitwazzjoni ta' produttur ta' fonogramma hija analoga għal dik ta' produttur ta' databases, sa fejn, fiż-żewġ każijiet, id-dritt li ngħatalhom għandu bħala skop li jipproteġi l-investimenti finanzjarji tagħhom. Konsegwentement, il-protezzjoni tal-produttur tal-fonogramma jkollha wkoll tiġi limitata għar-riproduzzjoni ta' parti sostanzjali tal-fonogramma.

17 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465).

18 Trattat tal-WIPO dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi, adottat f'Genève fl-20 ta' Diċembru 1996 u li daħal fis-seħħ fil-20 ta' Mejju 2002, li l-Unjoni Ewropea hija parti minnu abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE tas-16 ta' Marzu 2000 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat WIPO dwar id-Dritt tal-Awtur u tat-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208). Skont il-premessa 15 tad-Direttiva 2001/29, din għandha barra minn hekk bħala għan, li timplimenta lil dan it-trattat.

19 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 15, p. 459.

38. Madankollu, iktar naqbel mal-argument żviluppat fuq dan is-suġġett mill-konvenuti, li jgħid li f'dan il-każ għandu jiġi adottat qari *a contrario* tad-Direttiva 2001/29. Fil-fatt, din id-direttiva ma fiha l-ebda referenza għall-protezzjoni ta' parti sostanzjali ta' fonogramma. Bil-kontra, il-produttur tal-fonogramma huwa protett kontra r-riproduzzjoni mhux awtorizzata "kollha jew parti" tagħha, bħal ma huwa l-każ għall-awtur ta' xogħol (u, barra minn hekk, bħall-awtur ta' database skont l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 96/9). B'hekk, l-interpretazzjoni litterali tad-Direttivi 96/9 u 2001/29 diġà teskludi, fil-fehma tiegħi, kull possibbiltà li ssir analoġija bejn il-firxa tal-protezzjoni ta' produttur ta' database u dik ta' produttur ta' fonogramma.

– Il-protezzjoni tal-fonogramma sħiħa

39. Ir-raba' nett, lanqas ma nista' naqbel mal-argument imressaq mill-Kummissjoni li jgħid li l-Artikolu 11 tat-Trattat tal-WIPO dwar il-prestazzjonijiet u l-fonogrammi ma jipprevedix għajr il-protezzjoni kontra r-riproduzzjoni tal-fonogramma kollha [20]. Fil-fatt, l-Artikolu 11 ta' dan it-Trattat jirriproduċi l-kliem tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' Ruma [21]. Issa, skont il-gwida ta' interpretazzjoni ta' din il-Konvenzjoni mfassal mill-WIPO [22], waqt il-konferenza diplomatika li adottat dan it-test, ġie ikkunsidrat li "il-protezzjoni kontra r-riproduzzjoni li ma hijiex is-suġġett ta' l-ebda restrizzjoni, għandha tiġi interpretata bħala li fiha protezzjoni kontra r-riproduzzjoni parzjali tal-fonogramma" [23]. Għaldaqstant, l-Artikolu 11 tat-Trattat WIPO msemmi iktar 'il fuq għandu jiġi interpretat bl-istess mod. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29 isemmi espressament ir-riproduzzjoni bħala "parti" tal-fonogramma.

40. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tneħħija ta' estratt ta' fonogramma sabiex tintuża f'fonogramma oħra (*sampling*) tikkostitwixxi preġudizzju għad-dritt esklussiv tal-produttur tal-ewwel fonogramma sabiex jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni tal-fonogramma tiegħu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni meta titwettaq mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dan tal-aħħar.

Fuq it-tieni domanda preliminari

41. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li fonogramma li fiha estratti ttrasferiti minn fonogramma oħra (*samples*), tikkostitwixxix kopja ta' din il-fonogramma l-oħra fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

42. Il-partijiet interessati li ppreżentaw xi osservazzjonijiet fil-kawża preżenti, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Franċiż, jidhru li janalizzaw l-ewwel u t-tieni domanda preliminari flimkien u għandhom it-tendenza li jtuhom risposti konkordanti (minkejja li dawn ir-risposti huma differenti minn parti interessata għal oħra). Madankollu, jiena pjuttost tal-fehma, bħall-Gvern Franċiż, li hemm lok li l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115 jiġi interpretat fid-dawl tal-għan tiegħu u indipendentement mid-Direttiva 2001/29.

20 Din id-dispożizzjoni tipprovdi li "[p]rodutturi ta' fonogrammi jkollhom id-dritt esklussiv li jawtorizzaw ir-riproduzzjoni diretta jew indiretti tal-fonogrammi tagħhom, b'kull mod jew għamla."

21 Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-artisti, tal-prodotturi tal-fonogrammi u tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, iffirmata f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961.

22 Gwida għat-Trattati dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati amministrati mill-WIPO, Genève, 2003.

23 Ibid, p. 154.

43. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/115 jistabbilixxi, għall-benefiċċju, partikolarment, tal-produtturi tal-fonogrammi, dritt ta' distribuzzjoni. Dan id-dritt jikkonċerna t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, permezz tal-bejgħ jew b'mod ieħor, ta' kopji tal-oġġetti protetti, fost oħrajn tal-fonogrammi.

44. Fuq skala internazzjonali, dan l-istess dritt huwa rrikonoxxut abbażi tal-Konvenzjoni ta' Genève [24]. L-Unjoni ma hijiex parti minn din il-Konvenzjoni, iżda hemm 22 Stat Membru li huma. L-imsemmija konvenzjoni probabbilment tissemma wkoll fil-Premessa 7 tad-Direttiva 2006/115 bħala waħda mill-"konvenzjonijiet internazzjonali li fuqhom huma bbażati d-drittijiet ta' l-awtur u l-liġijiet tad-drittijiet relatati ta' bosta Stati Membri" li r-rispett tagħhom għandu jiġi żgurat fil-kuntest tal-armonizzazzjoni mwettqa min din id-direttiva.

45. Issa, id-dritt ta' distribuzzjoni għandu bħala għan prinċipali l-protezzjoni kontra dak li ġeneralment jissejjaħ "piraterija", jiġifieri l-produzzjoni u t-tqassim lill-pubbliku ta' kopji ffalsifikati tal-fonogrammi (u oġġetti oħra, bħal films). Dawn il-kopji ffalsifikati, billi jissostitwixxu ruħhom minflok il-kopji legali, jnaqqsu sew id-dħul tal-produtturi tal-fonogrammi u, bħala konsegwenza, id-dħul li l-awturi u l-interpreti jistgħu leġittimament jistennew li jiksbu mill-bejgħ tal-kopji legali. Il-perikolu li jirriżulta mill-piraterija jissemma espliċitament fil-Premessa 2 tad-Direttiva 2006/115 fost ir-raġunijiet għall-adozzjoni ta' din id-direttiva.

46. Il-piraterija hija kkaratterizzata mill-produzzjoni u mid-distribuzzjoni tal-kopji ffalsifikati tal-fonogrammi, li għandhom l-iskop li jissostitwixxu ruħhom għall-kopji legali. Din hija r-raġuni għalfejn l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Genève jiddefinixxi l-kopja bħala "mezz li fih ħsejjes meħuda direttament jew indirettament minn fonogramma u li jinkorpora kompletament jew parzjalment il-ħsejjes iffissati f'dan il-fonogramma". Fil-fatt, hija biss tali kopja li tippermetti lil min qed jismagħha li jsir jaf bil-fonogramma filwaqt li teżentah milli jakkwista kopja legali.

47. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/115 jistabbilixxi l-istess dritt ta' distribuzzjoni bħall-Konvenzjoni ta' Ġinevra, u peress li ż-żewġ atti għandhom l-istess għan, jiġifieri l-protezzjoni kontra l-piraterija, jiena tal-fehma li l-kunċett ta' "kopja" li jinsab f'din id-dispożizzjoni, għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħall-konvenzjoni msemmija u fid-dawl ta' dan l-għan, jiġifieri li hija kopja li tinkorpora l-ħsejjes kollha jew parti minnhom ta' fonogramma protetta, u li għandha l-iskop li tissostitwixxi l-eżempji legali tagħha. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-portata ta' din id-dispożizzjoni hija ħafna iktar ristretta minn dik tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29.

48. Is-*sampling* ma jservix sabiex jipproduċi fonogramma li jissostitwixxi ruħha għall-fonogramma oriġinali, iżda sabiex joħloq xogħol ġdid u indipendenti minn din il-fonogramma. Bl-istess mod, fonogramma li tirriżulta minn *sampling* ma tinkorporax il-ħsejjes kollha u lanqas parti sostanzjali mill-ħsejjes tal-fonogramma oriġinali. Għaldaqstant, tali fonogramma ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala kopja fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115.

49. B'hekk, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li fonogramma li fiha estratti ttrasferiti minn fonogramma oħra (*samples*), ma tikkostitwixxix kopja ta' din il-fonogramma l-oħra fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

24 Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-produtturi tal-fonogrammi kontra r-riproduzzjoni mhux awtorizzata tal-fonogrammi tagħhom, tad-29 ta' Ottubru 1971, li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' April 1973.

Fuq it-tielet domanda preliminari

50. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jopponu l-applikazzjoni għall-fonogrammi ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' Stat Membru, bħall-Artikolu 24(1) tal-UrhG, li jipprovdi li xogħol indipendenti jista' jinħoloq billi jintuża liberament xogħol ieħor mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtur tiegħu [25].

51. Kif diġà spjegajt fil-kuntest tar-risposta għat-tieni domanda preliminari, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/115 ma japplikax għar-riproduzzjonijiet ta' oġġetti protetti li ma humiex intiżi biex jissostitwixxu ruħhom għall-kopji legali ta' dawn l-oġġetti. Dan huwa partikolarment il-każ ta' xogħlijiet indipendenti maħluqa billi jintużaw xi elementi ta' xogħlijiet oħra. L-artikolu msemmi iktar 'il fuq, peress li ma japplikax għas-sitwazzjonijiet irregolati mill-Artikolu 24 tal-UrhG, ma jopponihomx. Għaldaqstant, l-analiżi tat-tielet domanda preliminari għandha tiġi limitata għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29.

52. Id-Direttiva 2001/29 tistabbilixxi, fl-Artikoli 2 sa 4 tagħha, id-drittijiet esklussivi li jibbenefikaw minnhom ċerti kategoriji ta' persuni, b'mod partikolari d-dritt tal-produtturi tal-fonogrammi sabiex jawtorizzaw jew jipprojbixxu r-riproduzzjoni tal-fonogrammi tagħhom, previst fl-Artikolu 2(ċ) ta' din id-direttiva. Dawn id-drittijiet huma fformulati b'mod inkundizzjonat. Madankollu, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 jipprevedi sensiela sħiħa ta' eċċezzjonijiet u ta' limitazzjonijiet ta' dawn id-drittijiet esklussivi li l-Istati Membri huma awtorizzati li jipprovdu fid-dritt nazzjonali tagħhom. Din il-lista ta' eċċezzjonijiet u ta' limitazzjonijiet hija fformulata b'mod eżawrjenti, hekk kif jikkonfermaw kemm il-Premessa 32 tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [26].

53. Din il-lista fiha xi eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet tad-drittijiet esklussivi li għandhom jiffaċilitaw id-djalogu u l-konfrontazzjoni artistika permezz tal-użu ta' xogħlijiet preeżistenti. Dan jirrigwarda partikolarment l-eċċezzjoni ta' kwotazzjoni, prevista fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29 u l-eċċezzjoni tal-karikatura, tal-parodija jew tal-pastiċċ, prevista fl-Artikolu 5(3)(k).

54. Min-naħa l-oħra, il-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet għad-drittijiet esklussivi li jidhru fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 ma fihiex eċċezzjoni ġenerali li tippermetti l-użu ta' xogħol ta' ħaddieħor bl-iskop tal-kreazzjoni ta' xogħol ġdid. Minn dan isegwi li l-Istati Membri ma għandhomx id-dritt li jipprevedu tali eċċezzjoni, fid-dritt nazzjonali tagħhom, jekk din tmur lil hinn mill-eċċezzjonijiet previsti mid-Direttiva 2001/29, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt preċedenti.

55. Din il-kunsiderazzjoni ma tiddaħħalx indiskussjoni mill-fatt li, hekk kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, fid-dritt Ġermaniż, in-norma tal-Artikolu 24(1) tal-UrhG ma hijiex ikkunsidrata bħala eċċezzjoni għad-drittijiet tal-awtur, iżda bħala limitazzjoni inerenti tagħhom. Fil-fatt, id-Direttiva 2001/29, fl-Artikolu 5 tagħha, ma tagħmilx distinzjoni bejn l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur (jew tad-drittijiet relatati). Ċerti każijiet previsti f'din id-dispożizzjoni jikkonċernaw limitazzjonijiet li huma wkoll inerenti għad-drittijiet tal-awtur daqs il-possibbiltà tal-użu liberu ta' xogħol sabiex jinħoloq ieħor. Tista' tiġi ċċitata bħala eżempju l-eċċezzjoni tal-ikkopjar privat, prevista fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 [27]. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li kien neċessarju li jinkludi lil din il-limitazzjoni fil-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet possibbli.

25 L-Artikolu 24 tal-UrhG isemmi espressament l-użu tax-xogħlijiet biss. Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, din id-dispożizzjoni hija intiża biex tapplika, b'analoġija, ukoll għall-użu ta' oġġetti protetti oħra, b'mod partikolari l-fonogrammi.

26 Ara, fl-aħħar lok, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634, punt 16).

27 Ara, fir-rigward tan-natura interenti ta' din il-limitazzjoni, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża EGEDA *et* (C-470/14, EU:C:2016:24, punti 15 u 16).

56. Barra minn hekk, kif isostnu ġustament il-konvenuti, jekk kull Stat Membru jiġi awtorizzat jintroduċi, minbarra l-lista prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29, xi limitazzjonijiet li jqis bħala inerenti għad-drittijiet tal-awtur, dan jippreġudika l-effettività tal-armonizzazzjoni tal-eċċezzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Issa, kif tenfasizza l-Premessa 31 ta' din id-direttiva, l-eliminazzjoni tad-differenzi fl-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fl-Istati Membri hija waħda mill-għanijiet previsti minn din id-direttiva.

57. Huwa minnu li l-Artikolu 5(3)(o) tad-Direttiva 2001/29 fih tip ta' klawżola ta' *stand still* f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni, mill-Istati Membri, tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet li eżistew diġà fid-dritt nazzjonali tagħhom fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva. Madankollu, dan jirrigwarda l-użu ta' oġġetti protetti "f'ċerti każi […] ta' importanza minuri". Issa, fil-fehma tiegħi, eċċezzjoni daqshekk wiesgħa bħal dik prevista fl-Artikolu 24(1) tal-UrhG ma tistax titqies bħala limitata għal ċerti każijiet ta' importanza minuri. Barra minn hekk, l-użu li jaqa' taħt l-Artikolu 5(3)(o) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi limitat għal użu analogu. Għaldaqstant, f'kull każ, din id-dispożizzjoni ma tistax tkopri l-komunikazzjoni lill-pubbliku taħt forma elettronika ta' fonogrammi li fihom xi estratti provenjenti minn fonogrammi oħra.

58. Finalment, skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2001/29, l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu huma applikabbli biss f'ċerti każijiet speċjali li ma jippreġudikawx l-isfruttar normali tax-xogħol jew ta' oġġett protett ieħor u lanqas ma jikkawżaw dannu mhux ġustifikat għall-interessi leġittimi tal-proprjetarju tad-dritt. Din id-dispożizzjoni, komunement imsejħa it-"test tat-tliet fażijiet", tirrifletti l-istipulazzjonijiet analogi tal-konvenzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati. Din tikkostitwixxi restrizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet applikabbli għad-drittijiet esklussivi. Min-naħa l-oħra, ma tistax tinftiehem bħala awtorizzazzjoni sabiex jiġu introdotti eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet mhux previsti jew sabiex titwessa' l-portata tal-eċċezzjonijiet eżistenti, taħt il-pretest li ma jippreġudikawx lill-isfruttar normali tax-xogħol jew ta' oġġett protett ieħor, u lanqas lill-interessi leġittimi tal-proprjetarji tad-drittijiet esklussivi [28].

59. B'hekk, nipproponi li r-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li jopponi l-applikazzjoni, fuq il-fonogrammi, ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' Stat Membru, bħall-Artikolu 24(1) tal-UrhG, li jipprovdi li xogħol indipendenti jista' jinħoloq billi jintuża b'mod liberu xogħol ieħor mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtur tiegħu, sa fejn dan jaqbeż il-kuntest tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet tad-drittijiet esklussivi previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) ta' din id-direttiva.

Fuq ir-raba' domanda preliminari

60. Permezz tar-raba' domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-eċċezzjoni ta' kwotazzjoni prevista fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29 hijiex applikabbli fis-sitwazzjoni fejn estratt ta' fonogramma ddaħħal f'fonogramma oħra b'mod li ma jistax jiġi distint mill-bqija ta' din it-tieni fonogramma.

61. Din id-domanda tolqot il-qalba tal-problema tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni ta' kwotazzjoni f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, ACI Adam *et* (C-435/12, EU:C:2014:254, punti 26 u 27).

62. L-eċċezzjoni tal-kwotazzjoni toriġina, u tintuża essenzjalment fix-xogħlijiet letterarji. Madankollu, fil-fehma tiegħi xejn ma jindika li fid-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni, l-eċċezzjoni ta' kwotazzjoni ma tistax tikkonċerna lil kategoriji oħra ta' xogħlijiet, b'mod partikolari x-xogħlijiet mużikali [29]. Għandu jitqies ukoll li tali kwotazzjoni tista' titwettaq permezz tar-riproduzzjoni ta' estratt ta' fonogramma, peress li l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 jikkonċernaw lid-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi bl-istess mod tad-drittijiet tal-awturi.

63. Madankollu, kwotazzjoni għandha tissodisfa sensiela ta' kundizzjonijiet sabiex tkun legali. Tlieta minn dawn il-kundizzjonijiet huma partikolarment rilevanti f'dak li jikkonċerna l-użu bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

64. L-ewwel waħda fosthom hija espressament prevista fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29 u tikkonċerna l-għan tal-kwotazzjoni. Skont din id-dispożizzjoni, il-kwotazzjoni għandha ssir "għal skopijiet bħal kritika jew riċensjoni". L-użu tal-kelma "bħal" jindika li din ma hijiex lista enumerattiva tal-għanijiet tal-kwotazzjoni, iżda pjuttost eżempju. Diversi kwotazzjonijiet, b'mod partikolari l-kwotazzjonijiet artistiċi, pereżempju mużikali ma jitwettqux b'għanijiet ta' kritika jew ta' riċensjoni, iżda jsegwu għanijiet oħra. Madankollu, il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni tindika b'mod ċar, fil-fehma tiegħi, li l-kwotazzjoni għandha sservi sabiex isir tip ta' djalogu max-xogħol ikkwotat. Kemm jekk dan ikun b'konfrontazzjoni jew bħala tifkira, jew ukoll b'mod ieħor, hija neċessarja interazzjoni bejn ix-xogħol li qed jikkwota u x-xogħol ikkwotat.

65. It-tieni kundizzjoni tal-legalità ta' kwotazzjoni, li b'xi mod tirriżulta mill-ewwel waħda, hija dik tan-natura mhux mibdula u li tista' tiġi distinta mill-kwotazzjoni. B'hekk, fl-ewwel lok, l-estratt iċċitat għandu jiġi inkorporat fix-xogħol li qed jikkwota tali kwali jew fi kwalunkwe każ mingħajr żnaturazzjoni (ċerti adattamenti huma tradizzjonalment ammessi, b'mod partikolari t-traduzzjoni). Fit-tieni lok – huwa l-aspett imqajjem direttament mid-domanda preliminari – il-kwotazzjoni għandha tkun inkorporata fix-xogħol li qed jikkwota b'mod li jkun faċilment possibbli li jiġi distint bħala element barrani. Din il-ħtieġa tista' tiġi dedotta mill-ewwel kundizzjoni: kif, fil-fatt, ix-xogħol li jikkwota jista' jidħol fi djalogu jew jiġi kkonfrontat max-xogħol ikkwotat jekk dan jista' jiġi konfuż kompletament miegħu?

66. Iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jippermettu li kwotazzjoni tiġi distinta minn plaġjariżmu.

67. Is-*sampling* b'mod ġenerali, u l-użu tal-fonogramma inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'mod partikolari, ma jidhrux li jissodisfaw lil dawn il-kundizzjonijiet. L-għan tas-*sampling* ma huwiex li jiddjaloga ma, la li jikkonfronta lil, u lanqas li jfakkar ix-xogħlijiet li jintużaw. Fit-teknika tas-*sampling*, l-estratti meħuda minn fonogrammi oħra jservu ta' materja prima u huma bbażati fuq xogħlijiet ġodda sabiex minnhom jiġu fformati partijiet integranti li ma jintgħarfux. Barra minn hekk, dawn l-estratti jiġu ta' spiss mibdula u mħallta b'tali mod li jitilfu l-integrità oriġinali tagħhom. Għaldaqstant, din ma hijiex forma ta' interazzjoni, iżda forma ta' approprjazzjoni. Fil-każ preżenti, fejn estratt ta' fonogramma, li huwa qasir wisq sabiex jippermetti xi tip ta' interazzjoni, ġie repetut b'mod kontinwu tul il-fonogramma l-ġdida sabiex jifforma l-parti ritmika tagħha, huwa eżempju perfett.

68. Ma' dawn il-kundizzjonijiet sostantivi tal-legalità tal-kwotazzjoni, għandu jiżdied it-tielet rekwiżit, formali, imsemmi wkoll fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29, jiġifieri dik li jiġi indikat is-sors tal-kwotazzjoni, inkluż l-isem tal-awtur, sakemm dan ma jkunx jirriżulta impossibbli. Naturalment, fil-każ ta' xogħol mużikali, ikun diffiċli (anki jekk mhux impossibbli) li jiġi indikat is-sors fix-xogħol stess. Madankollu, dan jista' jsir, pereżempju, fid-deskrizzjoni tax-xogħol li jikkwota, jiġifieri fit-titolu

29 Ara, b'mod partikolari, Mania, G., "Cytat w muzyce – o potrzebie reinterpretacji przesłanek », *Zeszyty Naukowe Uniwersytetu Jagiellońskiego*, Nru 1/2017, p. 63 sa 88. Ara wkoll, Vivant, M., Bruguière, J.-M., *Droit d'auteur et droits voisins*, Dalloz, Paris, 2015, p. 571. Il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li ammettiet impliċitament l-eċċezzjoni tal-kwotazzjoni f'dak li jikkonċerna lix-xogħol fotografiku (ara s-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punti 122 u 123).

tiegħu. Issa, ma jidhirlix li hija tradizzjoni fil-kultura hip-hop jew rap li jiġu indikati s-sosri tas-*samples* li jikkomponu x-xogħlijiet li jappartjenu għal dawn it-tipi ta' mużika. Fi kwalunkwe każ, mill-fajl tal-kawża preżenti ma jirriżultax li r-rikorrenti kienu pprovaw jindikaw lis-sors tal-estratt li ntuża fit-titolu *Nur mir* jew l-ismijiet tal-konvenuti.

69. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għar-raba' domanda preliminari tkun li l-eċċezzjoni ta' kwotazzjoni prevista fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29 ma tapplikax f'sitwazzjoni fejn estratt ta' fonogramma ddaħħal f'fonogramma oħra mingħajr ir-rieda ovvja li tidħol f'interazzjoni ma' din l-ewwel fonogramma u b'mod li ma tintgħarafx mill-bqija tat-tieni fonogramma.

70. Fost l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2001/29, tidher ukoll l-eċċezzjoni, diġà msemmija, tal-karikatura, parodija jew pastiċċ (Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29). Din l-eċċezzjoni tista' possibbilment tittieħed inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-użu tal-estratti ta' fonogramma f'fonogramma oħra. Din l-eċċezzjoni ma hijiex trasposta bħala tali fid-dritt tal-awtur Ġermaniż, iżda tista' tiġi dedotta, skont il-qorti tar-rinviju, mill-Artikolu 24(1) tal-UrhG. Madankollu, din il-qorti ċaħdet hija stess, ġustament fl-opinjoni tiegħi, l-idea li l-eċċezzjoni msemmija tiġi applikata fil-każ preżenti. Fil-fatt, din l-eċċezzjoni, bħal dik tal-kwotazzjoni, tippresupponi interazzjoni max-xogħol li jintuża, jew mill-inqas mal-awtur tiegħu, element li jkun nieqes fil-każ tas-*sampling*, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali [30].

Fuq il-ħames domanda preliminari

71. Permezz tal-ħames domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tiġi ddeterminata l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri meta jittrasponu fid-dritt nazzjonali tagħhom lid-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet esklussivi previsti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29, kif ukoll fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/115 u l-eċċezzjonijiet għal dawn id-drittijiet esklussivi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/115. Ninnota qabel kollox li peress li d-dritt ta' distribuzzjoni previst fl-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115, fil-fehma tiegħi, ma japplikax f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali [31], ser nanalizza din il-kwistjoni mill-perspettiva tad-Direttiva 2001/29 biss.

72. Kif tindika l-qorti tar-rinviju, din il-kwistjoni tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) li tipprovdi li, sa fejn direttiva ma tħalli l-ebda marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva fid-dritt Ġermaniż għandhom jiġu evalwati, bħala prinċipju, mhux fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Grundgesetz für die Bundesrepublik Deutschland (Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iktar 'il quddiem il-"Liġi Fundamentali"), tat-23 ta' Mejju 1949, iżda biss fir-rigward tad-drittijiet fundamentali kif iggarantiti fl-ordni ġuridika tal-Unjoni [32].

73. F'dak li jikkonċerna l-istħarriġ, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, tal-miżuri nazzjonali li jiggarantixxu t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, billi rreferiet għall-Artikolu 53 tal-Karta, li, fejn att tad-dritt tal-Unjoni jirrikjedi miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni, ikun possibbli għall-awtoritajiet u għall-qrati nazzjonali li japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, sakemm din l-applikazzjoni ma

30 Ċertament, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132), il-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilixxietx rekwiżiti stretti ħafna fuq il-kunċett tal-parodija. Madankollu, hija ddeċidiet li din "tevoka" xogħol ieħor (ara l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza). Barra minn hekk, fl-opinjoni tiegħi huwa ċar li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti, ix-xogħol intitolat *Nur mir* ma jikkostitwixxi la parodija u lanqas karikatura tax-xogħol *Metall auf Metall*. Fir-rigward tal-kunċett ta' pastiċċ, dan jikkonsisti fl-imitazzjoni tal-istil ta' xogħol jew ta' awtur, mingħajr ma neċessarjament jinkludi l-elementi ta' dan ix-xogħol. Issa, fil-każ preżenti, qegħdin fil-preżenza ta' sitwazzjoni opposta, dik tat-teħid ta' fonogramma sabiex jinħoloq xogħol fi stil kompletament differenti.

31 Ara l-parti ta' dawn il-konklużjonijiet iddedikata lir-risposta għat-tieni domanda.

32 Din il-ġurisprudenza tfakkret mill-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2016, 1 BvR 1585/13, li wasslet għar-rinviju preliminari preżenti (ara l-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet).

tippreġudikax il-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni [33]. Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax jostakola l-effettività ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tmurx kontra l-Karta billi japplika l-istandards nazzjonali tiegħu ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali [34].

74. F'dak li jikkonċerna l-marġni diskrezzjonali li jiddisponu minnha l-Istati Membri fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/29, din hija limitata b'diversi modi.

75. L-ewwel nett, id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29, b'mod partikolari d-dritt ta' riproduzzjoni li jibbenefikaw minnu l-produtturi ta' fonogrammi fuq il-fonogrammi tagħhom, previst fl-Artikolu 2(ċ) ta' din id-direttiva, huma fformulati b'mod inkundizzjonat u l-protezzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri hija obbligatorja.

76. It-tieni nett, il-kunċetti li jintużaw fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29, li ma jirreferux għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, huma kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni [35]. Dan huwa partikolarment il-każ tal-kunċett ta' "riproduzzjoni" fis-sens tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva [36]. Dan huwa l-każ ukoll għall-kunċetti li jiddefinixxu l-eċċezzjonijiet differenti u l-limitazzjonijiet għad-drittijiet esklussivi rregolati mid-Direttiva 2001/29, b'mod partikolari l-kunċett ta' "parodija" li jintuża fl-Artikolu 5(3)(k) ta' din id-direttiva [37]. Dan huwa minnu wkoll għal dak li jikkonċerna l-kunċett ta' "kwotazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 5(3)(d) tal-imsemmija direttiva.

77. Finalment, it-tielet nett, id-drittijiet esklussivi previsti b'mod inkundizzjonat u obbligatorju għall-Istati Membri fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 2001/29 jistgħu biss ikunu s-suġġett tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5(1) sa (3) ta' din id-direttiva. Peress li dawn l-eċċezzjonijiet huma, għajr waħda, fakultattivi, l-Istati Membri jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla u fil-formulazzjoni tal-eċċezzjonijiet li jqisu opportuni li jittrasponu fid-dritt nazzjonali tagħhom. Min-naħa l-oħra, dawn ma jistgħux jintroduċu eċċezzjonijiet mhux previsti u lanqas iwessgħu l-portata ta' dawk eżistenti [38]. Madankollu, għandu jiġi nnotat li din il-marġni ta' diskrezzjoni hija limitata wkoll peress li wħud minn dawn l-eċċezzjonijiet jirriflettu l-ibbilanċjar imwettaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni tad-drittijiet tal-awtur mad-drittijiet fundamentali differenti, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni. Għaldaqstant, il-fatt li ma humiex previsti ċerti eċċezzjonijiet fid-dritt nazzjonali jista' jirriżulta inkompatibbli mal-Karta [39].

78. B'hekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw fid-dritt nazzjonali tagħhom il-protezzjoni tad-drittijiet esklussivi stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 2001/29, li l-portata tagħhom hija ddefinita jekk ikun il-każ mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn dawn id-drittijiet ma jistgħux jiġu ristretti ħlief fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva. L-Istati Membri ma jistgħux jopponu lil dan l-obbligu bl-ebda dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħhom, kemm jekk tkun ta' natura kostituzzjonali jew jekk tgawdi min-natura ta' dritt fundamentali [40]. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri għandhom il-libertà, kif inhu l-każ għal kull direttiva, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 288 TFUE, f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-mezzi li jqisu bħala opportuni li jimplimentaw sabiex jikkonformaw ma' dan l-obbligu. Fil-kuntest ta' din l-għażla, dawn jistgħu jħallu ruħhom jiġu ggwidati, fost oħrajn, mill-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-prinċipji kostituzzjonali tagħhom, u mid-drittijiet fundamentali, bil-kundizzjoni li ma jippreġudikawx l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

33 Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60).

34 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 63).

35 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punt 27).

36 Ara, s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punt 32).

37 Sentenza tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132, punt 15).

38 Setenza tal-10 ta' April 2014, ACI Adam *et* (C-435/12, EU:C:2014:254, punti 26 u 27).

39 Ara wkoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2018:870, punti 38 u 39).

40 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li r-risposta għall-ħames domanda preliminari tkun li l-Istati Membri jinsabu taħt l-obbligu li jiżguraw fid-dritt nazzjonali tagħhom, il-protezzjoni tad-drittijiet esklussivi stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 2001/29, fejn dawn id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti biss fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri huma liberi f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-mezzi li jqisu opportuni li jimplimentaw biex jikkonformaw ma' dan l-obbligu.

Fuq is-sitt domanda preliminari

Kummenti preliminari

80. Permezz tas-sitt domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar kif għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta fl-interpretazzjoni tal-portata tad-drittijiet esklussivi mogħtija lill-produtturi tal-fonogrammi mid-Direttivi 2001/29 u 2006/115 kif ukoll tal-limitazzjonijiet u tal-eċċezzjonijiet tal-imsemmija drittijiet previsti mill-istess direttivi.

81. Fid-dawl tal-formulazzjoni, f'termini ġenerali ħafna, ta' din id-domanda, niddubita l-utilità tagħha għall-qorti tar-rinviju kieku kellha tingħata risposta b'mod daqstant ieħor ġenerali. Madankollu, jidher ċar li din id-domanda tressqet b'relazzjoni mas-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali)[41] li, minn naħa, ħassret id-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju li tikkonferma l-appell favorevoli għall-konvenuti, fuq il-bażi tal-libertà tal-kreazzjoni artistika stabbilita fl-Artikolu 5 tal-Liġi Fundamentali u, min-naħa l-oħra, tirrinvija l-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju għal eżami mill-ġdid, jekk ikun il-każ, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali żgurati fl-ordni ġuridika tal-Unjoni, billi tintroduċi talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk ikun neċessarju.

82. Għaldaqstant, is-sitt domanda preliminari għandha tinftiehem fis-sens li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-libertà tal-arti, stabbilita fl-Artikolu 13 tal-Karta, tikkostitwixxix limitazzjoni jew tiġġustifikax preġudizzju għad-dritt esklussiv tal-produttur ta' fonogramma sabiex jawtorizza jew jipprojbixxi r-riproduzzjoni parzjali tal-fonogramma tiegħu fil-każ ta' użu f'fonogramma oħra. Fi kliem ieħor, din id-domanda tqajjem il-problema ta' supremazija eventwali tal-libertà tal-arti fuq l-imsemmi dritt esklussiv tal-produtturi tal-fonogrammi.

83. B'hekk, l-invokazzjoni tal-libertà tal-arti kontra d-dritt relatat tad-drittijiet tal-awtur tidher, *prima facie*, paradossali. Fil-fatt, l-għan prinċipali tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati huwa li jippromwovi l-iżvilupp tal-arti, billi jiżguraw għall-artisti dħul li ġej mix-xogħlijiet tagħhom, ħaġa li teħlishom mid-dipendenza fuq patruni differenti u jippermettilhom isegwu b'mod ħieles l-attività kreattiva tagħhom[42].

84. Huwa minnu li l-kawża preżenti tikkonċerna direttament mhux lid-dritt esklussiv tal-awturi, iżda dak tal-produtturi li jibbenefikaw minnhom minħabba l-isforz finanzjarju u organizzattiv tagħhom. Madankollu, minn naħa, jekk il-leġiżlatur jagħti d-drittijiet esklussivi lill-produtturi, dan huwa minħabba l-fatt li jikkontribwixxu, bħala awżiljarji, lejn il-kreazzjoni u t-tixrid tax-xogħlijiet. Id-dritt li għandhom fuq il-fonogrammi huwa garanzija tar-remunerazzjoni tal-investiment tagħhom. Min-naħa l-oħra, għalkemm mhux kull fonogramma għandu neċessarjament jikkostitwixxi l-iffissar tal-eżekuzzjoni ta' xogħol, madankollu huwa ġeneralment il-każ tal-fonogrammi mużikali li huma inkwistjoni fil-kawża preżenti. Fost il-persuni involuti fil-kreazzjoni ta' tali fonogramma jidhru normalment, minbarra l-produtturi, l-awturi u l-interpreti, li d-drittijiet tagħhom huma wkoll

41 Sentenza tal-31 ta' Mejju 2016, 1 BvR 1585/13.

42 Din il-funzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati hija barra minn hekk espliċitament ikkonfermata mill-premessi 9 sa 11 tad-Direttiva 2001/29.

ippreġudikati mill-użu mhux awtorizzat tal-fonogramma. Għaldaqstant, il-proċedura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna possibbilment biss lid-drittijiet tal-produtturi tal-fonogramma, iżda, fil-fehma tiegħi, meta jkun hemm diskussjoni mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali, il-partijiet interessati l-oħra ma jistgħux jintesew.

85. Il-kawża preżenti hija eżempju perfett. Fil-fatt, il-konvenuti, li qegħdin jaġixxu fil-proċedura fil-kwalità tagħhom ta' produtturi tal-fonogramma inkwistjoni, huma wkoll artisti eżekuttivi u wieħed minnhom huwa l-awtur tax-xogħol li jinsab fl-imsemmija fonogramma [43]. Il-konfigurazzjoni hija simili fuq in-naħa l-oħra tal-kawża: ir-rikorrenti ma humiex biss il-kompożituri tax-xogħol li hemm fil-fonogramma kontenzjuża iżda wkoll il-produtturi tagħha. B'hekk, il-kawża prinċipali ma topponix sempliċiment lil-artista u lil-produttur ta' fonogramma, peress li dawn il-kwalitajiet jinsabu fuq iż-żewġ naħat. Għaldaqstant, dawn l-interessi differenti kollha għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżami tad-drittijiet fundamentali rispettivi.

Is-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali)

86. Is-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) [44] imsemmija iktar 'il fuq hija prinċipalment ibbażata fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24(1) tal-UrhG, moqri fid-dawl tal-libertà tal-kreazzjoni artistika stabbilita fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(3) tal-Liġi Fundamentali. Din il-qorti lmentat li l-qorti tar-rinviju ma ħaditx inkunsiderazzjoni biżżejjed il-libertà artistika tar-rikorrenti fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 24(1) tal-UrhG, b'mod partikolari billi ddeċidiet li din id-dispożizzjoni ma tapplikax meta l-artista huwa f'pożizzjoni li joħloq huwa stess is-sekwenza sonora li kien ħa mill-fonogramma ta' ħaddieħor. Tali interpretazzjoni tirrestrinġi l-libertà kreattiva b'mod sproporzjonat u, bħala konsegwenza, lill-possibbiltajiet tad-djalogu artistiku. Il-fakultajiet li b'hekk jitħallew lill-artisti, jiġifieri li jiksbu liċenzja, li joħolqu l-ħsejjes mill-ġdid huma stess jew li jillimitaw ruħhom sabiex jużaw ħsejjes disponibbli fid-databases ta' *samples* eżistenti, huma insuffiċjenti, b'mod partikolari fil-każ tal-istili mużikali li jiddependu ħafna fuq is-*sampling*, bħalma huwa l-hip hop.

87. Bil-kontra, skont il-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali), l-applikazzjoni tal-Artikolu 24(1) tal-UrhG fuq is-*sampling* jillimita biss b'mod minuri lid-dritt tal-proprjetà, żgurat mill-Artikolu 14(1) tal-Liġi Fundamentali, tal-produtturi tal-fonogrammi, sa fejn ix-xogħlijiet ġodda ma jidħlux f'kompetizzjoni mal-fonogrammi tagħhom. Fil-fatt, l-Artikolu 85(1) tal-UrhG, li jikkonċerna lid-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi, jipproteġihom biss kontra l-użu kummerċjali u kontra l-piraterija tal-fonogrammi tagħhom, li ma huwiex il-każ tas-*sampling* li hija prattika artistika. Għalkemm, fil-fehma tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali), il-leġiżlatur seta' jipprevedi għall-proprjetarji tad-drittijiet esklussivi kumpens għall-użu liberu tagħhom (*freie Benutzung*) abbażi tal-Artikolu 24(1) tal-UrhG, in-nuqqas ta' tali kumpens ma jiksirx lid-dritt kostituzzjonali tal-proprjetà.

88. Finalment, il-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) iżżid li, minbarra l-interpretazzjoni konformi mal-libertà tal-arti tal-Artikolu 24(1) tal-UrhG, il-qorti tar-rinviju tista' tasal għall-evalwazzjoni korretta tad-drittijiet inkwistjoni permezz ta' interpretazzjoni restrittiva tad-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi li jinsabu fl-Artikolu 85(1) ta' din il-liġi. Madankollu, il-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) tosserva li l-kawża tista' taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi mwettaq

43 Id-drittijiet tal-awtur u tal-artisti tagħhom barra minn hekk tqajmu sussidjarjament fil-proċedura fl-ewwel istanza (ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet).

44 Fl-analiżi preżenti, ser nibbaża ruħi fuq il-verżjoni bl-Ingliż tas-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali), aċċessibbli fuq is-sit internet tagħha, kif ukoll, għall-parti deskrittiva, fuq il-kummentarji ta' din is-sentenza, b'mod partikolari, I. Duhanic, "Copy this sound! The cultural importance of sampling for hip hop music in copyright law – a copyright law analysis of the sampling decision of the German Federal Constitutional Court", *Journal of Intellectual Property Law and Practice*, 2016, Vol. 11, Nru 12, p. 932 sa 945; P. Mezei, "De Minimis and Artistic Freedom: Sampling on the Right Track?", *Zeszyty Naukowe Uniwersytetu Jagiellońskiego*, 2018, Vol. 139, Nru 1, p. 56 sa 67; u Mimler, M. D., *Metall auf Metall* – German Federal Constitutional Court discusses the permissibility of sampling of music tracks, *Queen Mary Journal of Intellectual Property*, 2017, Vol. 7, Nru 1, p. 119 sa 127.

mid-Direttiva 2001/29. Fil-każ fejn din id-direttiva ma tħallix marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa lill-Istati Membri għat-traspożizzjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju jkollha tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fi ftehim mal-Karta [45], jekk hemm bżonn billi tagħmel rinviju preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju jkollha wkoll tiżgura ż-żamma tal-livell minimu inaljenabbli tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, kif iddefinit fil-Liġi Fundamentali.

L-evalwazzjoni fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni

89. Id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni ma jirrikonoxxux limitazzjoni għad-drittijiet esklussivi stabbiliti fid-Direttiva 2001/29, analoga għal dik prevista fl-Artikolu 24(1) tal-UrhG. Kif żviluppajt id-diskussjoni fil-kuntest tar-risposta għat-tielet domanda preliminari, fil-fehma tiegħi, din id-dispożizzjoni hija inkompatibbli mad-Direttiva 2001/29 sa fejn tippermetti derogi mid-drittijiet esklussivi li jmorru lil hinn mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, b'mod partikolari l-eċċezzjonijiet ta' kwotazzjoni u ta' karikatura, ta' parodija jew ta' pastiċċ. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dawn l-eċċezzjonijiet ma jistgħux japplikaw f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali [46]. Għaldaqstant, raġunament simili għal dak segwit mill-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) ma huwiex possibbli fid-dritt tal-Unjoni. Minħabba dan, kif għandna nevalwaw id-dritt esklussiv tar-riproduzzjoni li jibbenefikaw minnu l-produtturi tal-fonogrammi abbażi tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29 fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta?

90. Id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, sa fejn jistabbilixxu l-monopolju tal-proprjetarji tagħhom fuq l-oġġetti ta' natura intellettwali jew artistika, bħax-xogħlijiet, il-fonogrammi eċċ, huma ta' natura li jirrestriġu l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet fundamentali, b'mod partikolari, il-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-arti. Barra minn hekk, il-proprjetà intellettwali stess hija protetta bħala dritt fundamentali għall-proprjetà. Għaldaqstant, għandhom jiġu evalwati dawn id-drittijiet, li fosthom, l-ebda wieħed ma huwa, bħala prinċipju, superjuri għall-oħrajn [47]. F'dak li jikkonċerna d-drittijiet tal-awtur, dawn jipproċedu diġà huma stess għal din l-evalwazzjoni billi jipprevedu ċertu numru ta' limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet. Dawn huma intiżi sabiex jiżguraw ekwilibriju ġust bejn, minn naħa, id-drittijiet u l-interessi tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati u, min-naħa l-oħra, l-interessi pubbliċi u privati differenti l-oħra, inklużi dawk tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

91. Il-libertà tal-arti, imsemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 13 tal-Karta, hija forma tal-libertà ta' espressjoni, li hija stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta. Is-sistema tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), ma tirrikonoxxix tali libertà bħala dritt awtonomu, peress li l-libertà tal-arti hija dedotta mil-libertà tal-espressjoni, stabbilita fl-Artikolu 10 ta' din il-konvenzjoni.

92. Il-libertà tal-espressjoni, li minnha tirriżulta l-libertà tal-arti, tikkonċerna qabel kollox il-kisba u t-tixrid tal-ideat u tal-informazzjoni u, bħala konsegwenza, f'dak li jikkonċerna l-arti, il-kontenut tax-xogħlijiet [48]. Hija ċ-ċensura ta' dan il-kontenut li tista' partikolarment toħloq ksur tal-libertà tal-arti [49]. Min-naħa l-oħra, naħseb li l-libertà tal-arti hija ħafna inqas estensiva f'dak li jikkonċerna

45 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali) imsemmija fil-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 Ara l-parti tal-konklużjonijiet preżenti ddedikati għar-risposta għar-raba' domanda.

47 Ara, f'dan is-sens, reċentement, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Bastei Lübbe (C-149/17, EU:C:2018:841, punt 44).

48 Skont il-formula stabbilita mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, "il-libertà tal-espressjoni stabbilita mill-paragrafu (1) tal-Artikolu 10 tal-[KEDB] hija waħda mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika u waħda mill-kundizzjonijiet bażiċi għall-progress u l-iżvilupp ta' kulħadd. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, din hija valida mhux biss għall-'informazzjoni' jew 'ideat' aċċettati favorevolment jew meqjusa bħala mhux offensivi jew indifferenti, iżda wkoll dawk li joffendu, jixxokkjaw jew iħassbu lill-Istat jew kwalunkwe parti tal-popolazzjoni", (Qorti EDB, 25 ta' Jannar 2007, Vereinigung Bildender Künstler vs L-Awstrija, CE:ECHR:2007:0125JUD006835401, punt 26).

49 Ara, Qorti EDB, 25 ta' Jannar 2007, Vereinigung Bildender Künstler vs L-Awstrija, CE:ECHR:2007:0125JUD006835401).

l-akkwist tal-mezzi tal-kreazzjoni tagħhom. Kull artist għandu jidra l-kundizzjonijiet tal-ħajja fis-soċjetà u tas-suq li jevolvi fih. Il-libertà tal-arti ma tilliberax lill-artisti mir-restrizzjonijiet tal-ħajja kurrenti. Huwa konċepibbli li pittur ikun jista' jinvoka l-libertà ta' kreazzjoni tiegħu sabiex ma jħallasx għaż-żebgħa u għall-pniezel tiegħu [50]? [51]

93. Huwa minnu li, fl-istili mużikali bħalma huma l-hip-hop jew ir-rap, is-*sampling* għandu rwol partikolari, li jikkostitwixxi mhux biss il-mezz tal-kreazzjoni, iżda wkoll pass artistiku fih innifsu. Madankollu, dan ma jistax ikun argument deċiżiv fil-kuntest tad-dibattitu ġuridiku, peress li l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt għandha tkun l-istess għal kulħadd. Jekk nikkunsidraw bħala legali s-*sampling* tal-estratti tal-fonogrammi mwettaq mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dawk li għandhom dritt fuqhom, dan ikun validu kemm għall-mużiċisti li huma parti mill-kultura tal-hip-hop kif ukoll għall-oħrajn kollha.

94. L-artisti għandhom ikunu iktar konxji tal-limiti u r-restrizzjonijiet li l-ħajja timponi fuq il-libertà kreattiva fis-sitwazzjoni fejn huma jirrelataw mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' ħaddieħor, b'mod partikolari d-dritt għall-proprjetà tagħhom, inkluża l-proprjetà intellettwali. F'tali każijiet, il-kunsiderazzjoni tad-drittijiet u interessi differenti hija eżerċizzju partikolarment kumpless u rarament tkun teżisti soluzzjoni unika, li tista' tikseb is-sostenn ta' kulħadd. Din il-kunsiderazzjoni f'soċjetà demokratika, għandha titwettaq l-ewwel mil-leġiżlatur, li jirrappreżenta r-rieda ġenerali. F'dan il-każ, il-leġiżlatur jiddisponi minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa [52]. L-applikazzjoni tas-soluzzjonijiet leġiżlattivi hija sussegwentement suġġetta għall-istħarriġ tal-qrati li minn naħa tagħhom għandhom jiżguraw l-osservanza tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' din l-applikazzjoni għall-każijiet konkreti. Madankollu, minbarra fil-każijiet eċċezzjonali [53], dan l-istħarriġ għandu normalment jitwettaq fil-limiti tad-dispożizzjonijiet applikabbli li jgawdu minn preżunzjoni ta' validità, inkluż fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Jekk tiġi ammessa sitwazzjoni waħda biss bħala kompatibbli mad-drittijiet fundamentali, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-leġiżlatur tkun nulla.

95. Kif diġà semmejt, id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni jieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet u l-interessi differenti li jistgħu jkunu f'kunflitt mad-drittijiet esklussivi tal-awturi u tal-oħrajn li għandhom dritt, b'mod partikolari għal-libertà tal-arti. L-eċċezzjonijiet għad-drittijiet esklussivi bħall-eċċezzjonijiet ta' kwotazzjoni jew ta' karikatura, ta' parodija jew ta' pastiċċ jippermettu d-djalogu u l-konfrontazzjoni artistika permezz ta' referenzi għal xogħlijiet li kienu jeżistu qabel. Fil-kuntest tar-regoli fis-seħħ, din il-konfrontazzjoni tista' sseħħ, b'mod partikolari, bit-tliet metodi li ġejjin. L-ewwel nett, permezz tal-kreazzjoni ta' xogħlijiet li, billi jieħdu ispirazzjoni minn xogħlijiet eżistenti, ma jikkopjawx direttament lill-elementi protetti; it-tieni nett, fil-kuntest tal-limitazzjonijiet u tal-eċċezzjonijiet eżistenti għad-drittijiet esklussivi u, finalment, fit-tielet lok, permezz tal-kisba tal-awtorizzazzjonijiet neċessarji.

96. Min-naħa l-oħra, ma naħsibx li l-libertà tal-arti, hekk kif stabbilità fl-Artikolu 13 tal-Karta, teżiġi l-introduzzjoni jew ir-rikonoxximent ta' eċċezzjoni jew limitazzjoni simili għal dik prevista fl-Artikolu 24 tal-UrhG, li tkopri l-użu bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fih ix-xogħol jew l-oġġetti protetti l-oħra jintużaw mhux sabiex ikun hemm interazzjoni bejniethom, iżda sempliċiment bħala materjal għall-kreazzjoni ta' xogħol ġdid li ma għandu l-ebda relazzjoni max-xogħlijiet preċedenti. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li għandha tinkiseb liċenzja għal tali użu ma jirrestringix il-libertà tal-arti b'mod li jaqbeż ir-restrizzjonijiet normali tas-suq, iktar u iktar meta dawn ix-xogħlijiet ġodda ta' spiss jipprovdu dħul kunsiderevoli lill-awturi u lill-produtturi tagħhom. F'dak li jikkonċerna

50 Ċertament, tista' tingħata evalwazzjoni differenti fil-każ fejn tali diffikultajiet jiġu imposti fuq artist bl-għan li jostakolawh milli jikkrea, preċiżament minħabba l-kontenut tax-xogħol tiegħu (ara l-film ta' A. Wajda *Powidoki* (*Il-Fjuri Blu*), fuq il-fastidju mwettaq kontra l-pittur Pollakk Władysław Strzemiński fi żmien Stalin]. Dawn huma, madankollu, sitwazzjonijiet estremi.

51 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sostniet li "l-artist u dawk li jippromwovu x-xogħlijiet tiegħu, ma jaħarbux mill-possibiltajiet ta' limitazzjoni li jirregola l-paragrafu (2) tal-Artikolu 10. Kull minn jinvoka l-liberta ta' espressjoni tiegħu jassumi fil-fatt, skont it-termini proprja ta' dan il-paragrafu 'doveri u responsabbiltajiet'; li l-firxa tagħhom tiddependi fuq is-sitwazzjoni tagħhom u l-proċedura li tintuża" (Qorti EDB, 25 ta' Jannar 2007, Vereinigung Bildender Künstler vs L-Awstrija, CE:ECHR:2007:0125JUD006835401, punt 26).

52 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 10 ta' Jannar 2013, Ashby Donald *et* vs Franza (CE:ECHR:2013:0110JUD003676908, § 40).

53 Ara, pereżempju, il-Kawża C-469/17 Funke Medien NRW, li dwarha ppreżentajt konklużjonijiet fil-25 ta' Ottubru 2018 (EU:C:2018:870).

l-argument li jipprovdi li, f'ċerti każijiet, il-kisba ta' liċenzja tista' tkun impossibbli, pereżempju minħabba rifjut min-naħa tad-detenturi tad-dritt, fil-fehma tiegħi, il-libertà tal-arti ma tistax tiggarantixxi lil kulħadd il-possibbiltà li juża b'mod liberu dak kollu li jridu għall-finijiet tal-approċċ kreattiv tiegħu.

97. Lanqas ma naħseb li l-interessi finanzjarji tal-produtturi tal-fonogrammi, li huma l-ġustifikazzjoni tad-drittijiet esklussivi tagħhom, huma limitati għall-protezzjoni kontra l-użu kummerċjali u l-piraterija. Fid-dritt tal-Unjoni, dan huwa l-każ fid-dritt ta' distribuzzjoni [54]. Min-naħa l-oħra, id-dritt ta' riproduzzjoni huwa kkonċepit b'mod wiesa' u jkopri l-forom kollha possibbli tal-isfruttar tal-fonogramma. Barra minn hekk, jidhirli ġust li l-produttur ta' fonogramma jipparteċipa fid-dħul provenjenti mill-isfruttar ta' xogħol maħluq billi jintuża l-fonogramma tiegħu. Barra minn hekk, biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet fundamentali, għandhom jitqiesu mhux biss id-drittijiet u l-interessi materjali tal-produtturi tal-fonogrammi, iżda wkoll id-drittijiet tal-interpreti u tal-awturi, inklużi d-drittijiet morali tagħhom. Madankollu, dawn, u b'mod partikolari d-dritt għall-integrità tax-xogħol, jistgħu leġittimament jopponu l-użu ta' dan ix-xogħol, anki meta dan l-użu jkun kopert minn eċċezzjoni [55].

98. Il-protezzjoni mogħtija lill-produtturi tal-fonogrammi, kemm taħt id-dritt tal-Unjoni kif ukoll taħt id-dritt internazzjonali, tista' titqies bħala sproporzjonata, sa fejn hija ugwali għal dik tal-awturi (f'dak li jikkonċerna lid-drittijiet materjali). Ma neskludix li l-kunsiderazzjoni tad-drittijiet u tal-interessi differenti mwettqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni tista' fil-futur twassal għall-introduzzjoni ta' eċċezzjoni mid-drittijiet esklussivi tal-awturi u tad-detenturi oħra tad-drittijiet għall-użu bħala *sampling*. Madankollu, dan ma huwiex id-dover tal-qorti. Fl-istħarriġ ġurisdizzjonali tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, id-drittijiet fundamentali jgawdu rwol different: huwa tip ta' *ultima ratio*, li ma jistax jiġġustifika l-abbandun tat-test tad-dispożizzjonijiet rilevanti biss f'każijiet ta' ksur flagranti tal-kontenut essenzjali ta' dritt fundamentali [56]. Issa, fil-fehma tiegħi, dan ma huwiex il-każ f'dak li jikkonċerna s-sitwazzjoni tas-*sampling* fid-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni.

99. Għaldaqstant nipproponi li r-risposta għas-sitt domanda preliminari tkun li d-dritt esklussiv tal-produtturi tal-fonogrammi sabiex jawtorizzaw jew jipprojbixxu, abbażi tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29, ir-riproduzzjoni parzjali tal-fonogrammi fil-każijiet tal-użu tagħhom bl-iskop ta' *sampling* ma huwiex kuntrarju għal-libertà tal-arti hekk kif stabbilita fl-Artikolu 13 tal-Karta.

Konklużjoni

100. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li tingħata r-risposta li ġejja għad-domandi preliminari rrinvjati mill-Bundesgerichtshof (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja):

1) L-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tneħħija ta' estratt ta' fonogramma sabiex tintuża f'fonogramma oħra (*sampling*) tikkostitwixxi preġudizzju għad-dritt esklussiv tal-produttur tal-ewwel fonogramma sabiex jawtorizza jew jipprojbixxi r-riproduzzjoni tal-fonogramma tiegħu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni meta titwettaq mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dan tal-aħħar.

54 Ara l-parti ta' dawn il-konklużjonijiet iddedikata għar-risposta għat-tieni domanda.

55 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132, punti 27 sa 31).

56 Ara, f'dan is-sens, reċentement, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Bastei Lübbe (C-149/17, EU:C:2018:841, punt 46).

2) L-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fonogramma li fiha estratti ttrasferiti minn fonogramma oħra (*samples*), ma tikkostitwix kopja ta' din il-fonogramma fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

3) L-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li jopponi l-applikazzjoni fuq il-fonogrammi ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' Stat Membru, bħall-Artikolu 24(1) tal-Gesetz über Urheberrecht und verwandte Schutzrechte – Urheberrechtsgesetz (Liġi dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati), tad-9 ta' Settembru 1965, li jipprovdi li xogħol indipendenti jista' jinħoloq billi jintuża b'mod liberu xogħol ieħor mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtur tiegħu, sa fejn dan jaqbeż il-kuntest tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet tad-drittijiet esklussivi previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) ta' din id-direttiva.

4) L-eċċezzjoni ta' kwotazzjoni prevista fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29 ma tapplikax f'sitwazzjoni fejn estratt ta' fonogramma ddaħħal f'fonogramma oħra mingħajr ir-rieda ovvja li tidħol f'interazzjoni ma' din l-ewwel fonogramma u b'mod li ma huwiex distint mill-bqija tat-tieni fonogramma.

5) L-Istati Membri jinsabu taħt l-obbligu li jiżguraw fid-dritt nazzjonali tagħhom il-protezzjoni tad-drittijiet esklussivi stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 2001/29, fejn dawn id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti biss fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri huma liberi f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-mezzi li jqisu opportuni li jimplimentaw biex jikkonformaw ma' dan l-obbligu.

6) Id-dritt esklussiv tal-produtturi tal-fonogrammi sabiex jawtorizzaw jew jipprojbixxu, abbażi tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2001/29, ir-riproduzzjoni parzjali tal-fonogrammi tagħhom fil-każ tal-użu tagħhom bl-iskop ta' *sampling* ma huwiex kuntrarju għal-libertà tal-arti hekk kif stabbilita fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.